

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

### IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Ċour de cassation (il-Belġju) fis-7 ta' Ġunju 2022 – IT vs  
État belge

(Kawża C-365/22)

(2022/C 380/02)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: IT

Konvenut: État belge

#### Domanda preliminari

Il-punt 1 tal-Artikolu 311(1), tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (1) għandu jiġi interpretat fis-sens li vetturi li ma għandhomx jintużaw, akkwistati minn impriżza ta' bejgħ ta' vetturi użati u relitti, minn persuni msemmija fl-Artikolu 314 tad-direttiva, intiżi biex jinbiegħu "għall-partijiet li jinqalgħu" mingħajr ma l-partijiet jkunu nqalgħu minnhom, jikkostitwixxu oġġetti użati fis-sens ta' din id-dispożizzjoni?

(1) ĠU L 2006, L 347, p. 1, rettifica fil-ĠU 2007, L 347, p. 60.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Najwyższy (il-Polonja) fit-22 ta' Ġunju 2022 –  
Zakład Ubezpieczeń Społecznych Oddział w Toruniu vs TE

(Kawża C-422/22)

(2022/C 380/03)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

#### Qorti tar-rinviju

Sąd Najwyższy

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Zakład Ubezpieczeń Społecznych Oddział w Toruniu

Konvenut: TE